# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgħa u Għoxrin (29)**

**7 ta' April 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija b'mod virtwali permezz ta' *zoom*.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

29.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u qara l-ittri ta' apologija tal-Kunsillier Stefan Bajada u tal-Kunsillier Victor Curmi li ma setghux ikunu prezenti ghal-laqgha tal-lum.

29.1.2 Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament li dawn ghandhom jigu skuzati.

**29.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 28 li saret nhar l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021 wara li jsiru l-korrezzjonijiet rikjesti.

**29.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

29.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku innota li fl-ahhar jiem kien hemm xi kwistjoni mal-kumpanija GO plc rigward xi linji tat-telefon li ghaddejjin minn taht l-art fi Triq Marsalforn pero' din giet rizolta. Is-Sindku qal li l-kuntrattur Victor Hili infurmah li dan ix-xoghol ser jinghata spinta fil-gimghat li gejjin bil-hsieb li jitlesta sa qabel ix-xhur tas-Sajf.

29.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-progett tal-bini tac-Centru Civiku l-gdid, qed nistennew il-permessi

mehtiega min-naha tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jigi iffirmat il-kuntratt ta' finanzjament mal-Ministeru ghal Ghawdex u jinhargu t-tenders necessarji.

Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2021 saret laqgha mas-Supretindent tal-Pulizija Joe Hersey rigward il-htiega urgenti li l-Pulizija jsibu sit alternattiv fejn iridu joperaw bl-Ghassa taghhom tul iz-zmien li jkunu ghaddejjin ix-xoghlijiet tal-bini tac-Centru Civiku l-gdid.

Sadanittant, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra kompla għaddej bit-tħejjijiet tiegħu sabiex is-servizzi amministrattivi tal-Kunsill jiġu rilokati għal parti mil-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri SJ'. Is-Sindku qal li matul din il-ġimgħa ser jibda x-xogħol fuq l-installazzjoni tal-linji tat-telefon issa li twahhlu t-tabelli indikattivi li juru s-sit minfejn ser jopera l-Kunsill b'mod temporanju.

Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu ninsistu mal-kuntratturi sabiex dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibbli sabiex is-servizzi tagħna jiġu rilokati għal post li jkun aċċessibbli għall-persuni anzjani u persuni b'diżabilita'.

29.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2021 inhargu t-*tenders* ghax-xoghol ta' sistema ta' illuminazzjoni gdida fil-*belvedere* fl-inhawi tal-Qacca fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Dawn it-*tenders* jaghlqu fl-20 ta' April 2021 fil-11am.

Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandu jitwaqqaf bord ta' aggudikazzjoni li jevalwa l-offerti sottomessi, liema bord ghandu jkun iffurmat mill-Inginier Paul Refalo bhala *chairman*, Dr. Larry Formosa, il-Perita Mariella Xuereb u l-inginiera Daniela Attard bhala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju tal-bord ikun is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard.

29.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ilbierah it-Tlieta 6 ta' April 2021, il-Perit Mariello Spiteri ghan-nom tal-kumpanija EMDP Limited issottometta lill-Kunsill kopja tal-*masterplan* ghall-qalba tal-lokalita' taghna kif rikjesta mill-Kunsill wara hrug ta' sejha ghall-offerti fl-ahhar tas-sena 2019.

Is-Sindku qal li fl-ahhar pagna ta' dan id-dokument voluminuz ta' madwar 300 pagna, hemm indikazzjoni tal-proposti li l-istess kumpanija qed taghmel rigward l-immaniggjar tat-traffiku fil-lokalita' taghna. Is-Sindku qal li l-Perit Mariello Spiteri jixtieq li jaghmel *online meeting* mal-Kunsilliera fil-gimaghtejn li gejjin rigward din il-*masterplan*. Dan sabiex is-Sur Spiteri ikun jista' hu personalment jispjega lill-Kunsill dwar il-mod ta' kif wasal ghall-proposti li qed jindika fid-dokument tieghu.

Il-Kunsill qabel li ghandna nikkordinaw laqgha mal-Perit Mariello Spiteri dwar din il-materja, liema laqgha ghandha ssir sa mhux aktar tard mill-Gimgha 23 ta' April 2021.

29.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iz-zmien li jigi organizzat Jum ix-Xaghra.

Is-Sindku qed jipproponi u l-Kunsill qabel li ghandha ssir Quddiesa fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina nhar l-Erbgha 28 ta' April 2021 fis-7.00pm u wara jinghata l-unur 'Gieh ix-Xaghra 2021' f'cerimonja qasira li tirrispetta d-direttivi prezenti mahruga mill-Awtoritajiet tas-Sahha.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li dahlu tliet nomini ghal dan il-premju ghal din is-sena. Dawn huma Louis Portelli, Carmel Attard u Andrew Sultana. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-unur 'Gieh ix-Xaghra 2021' ghandu jinghata lis-Sur Carmel Attard u lis-Sur Andrew Sultana u dan peress li s-Sur Portelli ma jistax ikun prezenti personalment biex jiehu dan l-*award*.

Il-Kunsill qabel li fl-istess cerimonja ghandu jinghata wkoll l-unur 'Gieh ix-Xaghra 2020' lil Mons. Anton Refalo Zammit li kien gie maghzul ghal dan l-unur is-sena li ghaddiet.

29.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghall-Belt Kulturali Maltija ghas-sena 2022 giet sottomessa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali nhar is-Sibt 3 ta' April 2021.

29.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Att dwar il-Gvern Lokali jistipula li ghandha ssir laqgha tal-lokalita' sa mhux aktar mill-15 ta'

April ta' kull sena sabiex jigi prezentat ir-rapport annwali amministrattiv tas-sena li ghaddiet u l-pjan tat-tliet snin li gejjin.

Il-Kunsill qabel li ghal din is-sena, din il-laqgha tal-lokalita' ssir nhar l-Erbgha 14 ta' April 2021 fil-5.30pm b'mod virtwali.

**29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

29.4.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-kwistjoni tal-ispiera fi Pjazza l-Vitorja, liema spiera ser tintuza bhala parti mill-progett tal-installazzjoni tal-*planters* fl-istess Pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandna nitkellmu mal-Perit Edward Scerri rigward din il-materja sabiex jipprepara stima għax-xogħol ta' taħmil tal-imsemmija spiera bil-għan li tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti jekk ikun hemm il-ħtieġa.

29.4.2 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar xi żvilupp kien hemm fuq iz-*zebra crossings* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku wieġeb li l-Perit Edward Scerri qed jipprepara l-pjanta neċessarja sabiex tkun tista' titressaq għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

29.4.3 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-possibilita' li jigi disinfettat il-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Is-Sindku Dr. Christian Zammit wiegeb li diga' ktibna lid-Direttorat ta' Eko-Ghawdex fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet.

29.4.4 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-htiega li jsir xoghol urgenti ta' tindif u manutenzjoni fil-playing field ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-haddiema tal-CWSEF assenjati maghna sabiex jaghmlu dan ix-xoghol.

**29.5 Qari tal-Korrispondenza**

29.5.1 Ċirkulari numru 020/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Supporting Children & Youths within our localities 25/03/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.2 Ċirkulari numru 021/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-AKL'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.3 Ċirkulari numru 022/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Preżentazzjoni Zoono – Webinar Indafa Pubblika'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.4 Direttiva 13.3 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni rigward il-kunċett tat-*teleworking* fi żmien il-pandemija tal-Covid-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.5 Ċirkulari numru 023/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'UKNSF'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.6 E-mail mingħand Mandy Farrugia li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex formalment joġġezzjona għall-applikazzjoni PA 1467/21 sottomessa mill-Ministeru għal Għawdex għall-proġett ta' bini ta' Ċentru ta' Interpretazzjoni biswit l-Għar ta' Calypso.

Il-Kunsill ma qabilx ma' dan minhabba li dan huwa progett ferm bzonnjuz ghal din iz-zona fil-lokalita' taghna.

29.5.7 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar *online workshop* li ser isir nhar il-Ħamis 8 ta' April mill-10am sas-1pm rigward il-proġett EloGE li fih qed jipparteċipa l-istess Dipartiment. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.8 E-mail mingħand Svetlick Flores, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija LESA, b'informazzjoni dwar fondi għar-riġenerazzjoni tal-lokalitajiet Maltin u Għawdxin li ser jiġu mqassma mill-istess Aġenzija wara li jkunu saru l-applikazzjonijiet relattivi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.9 Ċirkulari numru 025/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Mental First Aid'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.10 E-mail mill-Ministeru tal-Edukazzjoni rigward il-ħatra ta' Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi għas-snin 2021-2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.11 Direttiva 1/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Proċedura ġdida dwar l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.12 E-mail mingħand il-Perit Alex Bigeni li fiha qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill sabiex tkun tista' tiġi rilaxxata garanzija bankarja għal xogħol li sar fi sqaq fi Triq Ġnien Imrik. Il-Kunsill accetta din it-talba.

29.5.13 E-mail mingħand Ruth Debrincat, Assistent Direttur fil-Ministeru tal-Ambjent, li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jipparteċipa fil-proġett pilota mniedi mill-istess Ministeru li ser jara l-introduzzjoni ta' *Smart Waste Depots* għall-iskart kummerċjali. Il-Kunsill qabel li ghandna nippartecipaw f'dan il-progett.

29.5.14 Ċirkulari numru 026/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Update of Application – Active Ageing and Community Care'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.15 E-mail mingħand Pamela Sammut, *youth worker*, b'informazzjoni dwar il-*Give Back Award* li għandu l-għan li jħeġġeġ liż-żgħażagħ sabiex jużaw il-fondi tas-Solidarity Project fejn wieħed ikun jista' jibbenefika sa € 6000. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.16 Ċirkulari numru 027/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' *charging pillars*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.17 Ċirkulari numru 028/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Understanding Dementia Mentor Aid Session 14/04/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.18 Ċirkulari numru 029/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ħlasijiet Pendenti – Borża Organika'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.19 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar *Student Placement Programme 2021*. Dan huwa programm li permezz tiegħu, matul ix-xhur tas-Sajf, il-Kunsilli Lokali interessati jkunu jistgħu jiġu assistiti minn studenti tal-IT. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.20 Ċirkulari numru 030/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Planning Authority EAPPS'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.21 E-mail mingħand Simon Mizzi, President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista fix-Xagħra, li fiha qed jitlob li tiġi organizzata laqgħa ta' kortesija *online* mas-Sindku, Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill accetta din it-talba.

29.5.22 Ċirkulari numru 031/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 43'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.23 Ċirkulari numru 032/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Infrastructure – The future of our localities 15/04/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.24 E-mail mingħand Dr. Claire Bonello li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li ġie preżentat rikors fil-Qorti sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jitqies bħala *legal objector* għall-proġett tal-*bed & breakfast* fi Pjazza l-Vitorja, Ix-Xagħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.5.25 Stima minghand il-Perit Edward Scerri ghal xoghol ta' *resurfacing* bil-concrete fi Triq Kalipso. L-istima tammonta ghas-somma ta' € 116,130.03c VAT inkluza. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lill-Perit Scerri sabiex jipprepara stima ghal xoghol ta' *tarmac* minflok *concrete*.

29.5.26 Stima minghand il-Perit Edward Scerri ghal xoghol ta' *resurfacing* bil-concrete tal-ahhar parti ta' Triq Ghajn Wajtar. L-istima tammonta ghas-somma ta' € 21,297.35c VAT inkluza.

Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg sejha pubblika ghall-offerti (*tender*) biex isir dan ix-xoghol.

29.5.27 Ċirkulari numru SPI/SCI/3/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021'. Il-Kunsill qabel li għandu japplika taħt din l-iskema sabiex jiffinanzja l-Kunċert tal-Milied li mistenni jsir f'Diċembru 2021 fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina.

**29.6 Ilmenti mir-residenti**

29.6.1 Talba mingħand Victor Axiak ta' Triq Marsalforn sabiex jitranġa passaġġ fi Triq Marsalforn ħdejn *Julian's Marble Showroom*. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu stima minghand il-Perit Edward Scerri.

29.6.2 Talba mingħand Brian Magro ta' Triq Tal-Ħamrija, Xewkija, sabiex isiru sinjali faċċata ta' Triq Santa Verna peress li qed ikun hemm il-vetturi ipparkjati hemmhekk u t-trakk tal-gass ma jkunx jista' idawwar biex jidħol fi Triq Santa Verna. Il-Kunsill ma accettax din it-talba minhabba li diga' hemm problema kbira ta' nuqqas ta' parkegg f'din iz-zona.

29.6.3 Talba mingħand Doris Bartolo ta' Triq Marija Bambina sabiex issir kaxxa biż-żebgħa mal-art li tindika l-*bus stop* li hemm fi Triq Marija Bambina faċċata tal-Każin tal-Banda *Victory*. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

29.6.4 Talba mingħand Adam George Borg ta' Triq il-Knisja sabiex (a) Triq Għajn Meddew titranġa bil-konkos għax hemm ħafna ħofor u (b) jitranġa ħajt li hemm fi Triq Għajn Meddew u li qed iżomm it-triq għax qed iċedi u jinbeżaq għal ġol-għalqa tiegħu.

29.6.5 Talba mingħand Steve Vella Zarb ta' Triq Parisot sabiex isir tqaxxir tat-triq u asfaltar quddiem ir-residenza tiegħu peress li xħin qed isir xogħol minuri ta' *patching*, dan qed jinqala' u jsiru ħsarat lill-vetturi. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu stima minghand il-Perit Edward Scerri.

29.6.6 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex Triq Tal-Wied tal-Għeżien titranġa bit-torba peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu stima minghand il-Perit Edward Scerri.

29.6.7 Talba mingħand l-Onor. Dr. Kevin Cutajar LLD sabiex tinqala' b'mod temporanju l-bozza numru 099/63 li tinsab imwaħħla ma' arblu fi Triq San Ġużepp. Dan minħabba li ser isir xogħol ta' kostruzzjoni fil-binja li magħha hija mwaħħla din il-bozza. Il-Kunsill accetta din it-talba.

29.6.8 Talba mingħand Margaret Azzopardi ta' Triq it-Tiġrija sabiex titranġa l-gradilja tal-ilma li tinsab fuq il-bankina tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

29.6.9 Talba mingħand Joseph Vella ta' Triq Sruġ sabiex il-*hooks* li magħhom jiddendel l-iskart residenzjali jinqalgħu minn quddiem ir-residenza tiegħu peress li qed joħolqu inkonvenjent bla bżonn. Il-Kunsill innota din it-talba.

29.6.10 Talba mingħand is-Sindku Dr. Christian Zammit sabiex issir tabella *dead end* ħdejn l-Għar ta' Kalipso. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

29.6.11 Talba mingħand Matthew Gatt ta' Triq l-Għejun sabiex urġentament isir l-asfaltar ta' din it-triq peress li tinsab f'sitwazzjoni prekarja. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sur Salvu Bonello sabiex jipprepara stima ghal dan ix-xoghol sabiex jitrangaw l-aktar partijiet tat-triq li qed joholqu inkonvenjent u li jinsabu fi stat hazin.

29.6.12 Talba mingħand Charlie Mercieca ta' Triq l-Ispiera sabiex isir *shifting* tal-bozza li hemm mar-residenza tiegħu peress li ser isir xogħol ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill accetta din it-talba.

29.6.13 Talba mingħand Claire L. Beswick ta' Triq Marsalforn li fiha qed titlob li jsiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata ta' sqaq li jinsab fi Triq Marsalforn. Dan peress li t-triq hija dejqa u jekk ikun hemm vetturi ipparkjati faċċata ta' dan l-isqaq, ikun impossibbli għaliha li toħroġ bil-vettura tagħha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

29.6.14 Talba minghand il-Vici Sindku Aaron Agius sabiex jitranga hajt tal-kantun li qed jaqa' fi Triq it-Tafla. Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard innota li diga' saret talba dwar dan lill-Ministeru ghal Ghawdex u qed nistennew risposta min-naha taghhom.

29.6.15 Talba minghand il-Kunsillier Anthony Attard sabiex urgentament jitnehhew iz-zewg tabelli 'Parking within the lines only' li jinsabu fi Pjazza Sant'Anton minhabba li qed joholqu inkonvenjent kbir lir-residenti. Il-Kunsill accetta din it-talba.

**29.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

29.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

29.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament bl-eccezzjoni tal-pagamenti ta' Dr. Carmelo Galea ghal servizzi legali li jmorru lura ghas-sena 2015 u l-pagament ta' Road Construction Co. Limited ghal xoghol ta' konkos li sar fl-2012. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu kjarifika dwar dawn iz-zewg pagamenti qabel ma jitressqu ghall-approvazzjoni fil-laqgha li jmiss.

29.7.3 Il-Kunsillier Anthony Attard insista li skont il-Ligi dawn il-pagamenti huma preskritti u ghaldaqstant ghandna nibqghu ninsistu fuq il-preskrizzjoni taghhom. Is-Sindku Dr. Christian Zammit u l-Vici Sindku Aaron Agius qalu li ghalissa ahjar nivverifikaw maghhom fejn saru x-xogholijiet u tittiehed decizjoni dwarhom fil-laqgha li jmiss.

**29.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

29.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Mejju 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**